MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-7 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 1253/2012

**Mangion Brothers (Zurrieq) Limited (C 6162)**

**-vs-**

**Mario Bugeja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Mario Bugeja, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru bin-numru 242/12 fl-ismijiet fuq premessi u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(c), (e) u (f) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghar-ragunijiet fuq elaborati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Mangion Brothers (Zurrieq) Limited, li in forza taghha irrimettiet ruhha ghat-talba kontenuta fir-rikors ghar-revoka tal-mandat surriferit, b'dana illi l-flejjes kollha, jekk hemm, li gew depozitati fir-Registru tal-Qorti bis-sahha tal-istess mandat ghandhom jibqghu hemm depozitati fir-Registru tal-Qorti sakemm tintemm il-kawza li dwarha gie ntavolat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju msemmi.

Illi izda ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, is-socjeta' esponenti tirrileva li hi qatt ma giet interpellata jew b'xi mod mitluba sabiex iccedi dan il-mandat ta' sekwestru, u ghalhekk, l-istess socjeta' esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura, ikun x'ikun l-ezitu taghha.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2013, fejn Dr. Abela ghall-intimata ddikjara illi m'ghandux oppozizzjoni ghar-revoka tal-imsemmi mandat, b'dana illi pero' kull ammont li diga' gie depozitat, il-Qorti in forza tal-istess mandat ghandhom jibqghu hekk depozitati fir-Registru tal-Qorti pendenti l-ezitu tas-sentenza finali.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka l-mandat ta' sekwestru Nru. 242/2012, b'dana pero', li kull ammont depozitat in forza tal-fuq imsemmi mandat jibqa' hekk depozitat.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn Mario Bugeja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------